# Sessjonijiet ta' qari għat-tfal fir-Riserva tas-Simar

Dan l-aħħar BirdLife Malta tat bidu għal sessjonijiet ta' qari fir-Riserva Naturali tas-Simar li għandha fix-Xemxija bi sħubija ma' inizjattiva tal-gvern imsejħa 'Seħer l-Istejjer'.
BirdLife Malta qed tingħaqad mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b'kollaborazzjoni mal-Malta Libraries biex toffri din l-esperjenza unika lil tfal li jixtiequ jattendu għal dawn is-sessjonijiet li jsiru kull nhar ta' Ħamis u jdumu madwar siegħa. Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas.
Il-programm hu intiż għal tfal fl-etajiet bejn l-4 u s-6 snin u l-ġenituri tagħhom, u f'kull sessjoni t-tfal jaqsmu bejniethom il-qari ta' stejjer minn kotba, kanzunetti u attivitajiet oħra edukattivi adattati għal tfal ta' din l-età.
Fis-Simar, it-tfal jieħdu sehem ukoll f'attivitajiet marbutin mal-qari madwar ir-riserva, fl-ambjent uniku li joffri dan il-post fost l-elementi kollha tan-natura.
L-iskop prinċipali ta' dan il-programm hu li jippromwovi l-imħabba lejn il-ktieb u l-qari, u li jgħin fl-iżvilupp tal-immaġinazzjoni tat-tfal permezz ta' attrazzjonijiet divertenti u li jistimulaw lill-parteċipanti. Imma jservi biex anke l-ġenituri jsiru konxji tal-importanza tal-qari ma' wliedhom fuq bażi regolari.
Is-sessjonijiet ta' kull ġimgħa fir-Riserva Naturali tas-Simar, li jkunu bl-Ingliż, isiru nhar ta' Ħamis bejn l-4.30pm u l-5.30pm u l-ġenituri jistgħu jibbukkjaw lit-tfal tagħhom għas-sessjoni billi jċemplu fuq 2598 2990 fil-ħinijiet tal-uffiċċju jew inkella billi tintbagħat *email* fuq aqra.storja@ilearn.edu.mt.
Ġib it-tfal tiegħek biex jingħaqdu magħna fir-Riserva Naturali tas-Simar kull nhar ta' Ħamis għal dawn is-sessjonijiet ta' qari għat-tfal! Opportunità biex it-tfal, fl-istess ħin, igawdu wkoll in-natura.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli**
Is-sessjonijiet ta' kull nhar ta' Ħamis fis-Simar
https://www.facebook.com/birdlifemalta/photos/a.296354897104584.67515.292293830844024/1097055940367805/?type=3&theater
Seħer l-Istejjer (The Magic of Stories)
https://www.facebook.com/Se%C4%A7er-l-Istejjer-The-Magic-of-Stories-1506046273025319/?fref=ts

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti**
Ritratti minn sessjonijiet simili li saru fis-Simar fil-ġimgħat li għaddew (Ritratti: BirdLife Malta)